27 ta' Settembru, 1958

Imħallef:—

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Francis Sammut

## Bini — Inkonvenjent — Art. 108(2) tal-Kap. 13.

*Il-liġijiet tal-Pulizija jipprexkrivu illi ħadd ma jista' jżomm, jew iħalli li jinżamm f'ebda lok ġmieħ ta' żibel jew ta' ħdal, jew ta' ilma maħmuġ, imniġġes jew qiegħed, jew ta' materjal maħmuġ, jew ta' ħmieġ ta' bhejjem jew ħmieġ ieħor.*

*Ibda hu ċar illi l-alternattiva bejn "iżomm" u "iħalli li jinżamm" mhix applikabbli u mhix qegħda tirriferixxi għall-każ li fih l-inkonvenjent ġie impost fuq persuna bla ma din tista' tagħmel xejn biex tevitah, imma għall-każ fejn dik il-persuna tkun qegħda tittollera lil ħadd ieħor, li aktarx ikun b'xi mod dipendenti tagħha, jikkrea dak l-inkonvenjent, u hi tibqa' konniventi minflok ma timpedieh fil-waqt li tista' timpedieh.*

*Għaldaqstant ma hux ħati li żamm dan l-inkonvenjent min jippossjedi għalqa li fiha jinġema' ilma lurdu li huwa ma jista' jagħmel xejn biex jiġi evitat dak l-inkonvenjent fi ħwejġu.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat talli fl-4 ta' Lulju 1958, f'St. Julian's, Naxxar Road, f'għalqa bejn U.S. House u Samville House, żamm ġmiegħ ta' ilma maħmuġ qiegħed;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-11 ta' Awissu 1958, li biha sabitu ħati u kkundannatu 10s. ammenda u tagħtu sitt ijiem żmien biex jniforma ruħu mal-liġi taħt penali ta' 2s. 6d. kuljum jekk jonqos;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Mill-provi deher li l-imputat għandu għalqa li ma hix fil-wita', imma mżerżqa. Il-fuq minnu hemm fabbrikat bl-isem "U.S. House". Aktar il-fuq hemm diversi rziezet bi kwantità ta' annimali, madwar xi mitejn. Dan il-fabbrikat u dawn l-għelieqi huma ta' ħadd ieħor;

Mix-xhieda tal-istess sanitarju Michael Buttigieg jirriżulta:— (a) Li dan l-ilma luridu, li milli jidher kien ta' xi urina, ġej aktarx minn dawn l-irziezet, u jibqa' nieżel għal ġewwa l-għalqa tal-imputat, wara li jgħaddi minn taħt din U.S. House; (b) li l-imputat ma jista' jagħmel ebda rimedju biex iżomm dan l-ilma milli jiskula fl-għalqa tiegħu; (c) li xejn ma nstab *fil-proprjetà* tal-imputat li jista' jew li qiegħed jipproduċi dan l-ilma; infatti hu ma għandux ħlief din il-biċċa għalqa;

Minn dan kollu jidher ċar li l-imputat ma hux qiegħed jikser il-liġi, iżda, se maj, ħadd ieħor; u li hu anzi qiegħed isofri nkonvenjent mhux żgħir, li għandu jiġi rimedjat "*aliunde*";

Il-Prosekuzzjoni osservat li fid-dispożizzjoni tal-liġi (art. 108(2) Kap. 13 Edizzjoni Riveduta) hemm, barra l-kliem "shall keep", anki l-oħrajn alternattivi "or suffer to be kept". Iżda hu ċar li din l-alternattiva mhix qegħedha tirriferixxi għall-każ li fih inkonvenjent jiġi "mpost" fuq persuna bla ma din il-persuna tista' tagħmel xejn biex tevitah, imma għall-każ fejn din il-persuna tkun qegħedha tittollera li ħadd ieħor, li jkun aktarx b'xi mod dipendenti tagħha, jikkrea dak l-inkonvenjent, u hi tibqa' konniventi minflok li timpedieh fil-waqt li tista' timpedieh;

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-imputat mhux ħati u tordna li jiġi liberat.